MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Numru 447/2007

Il-Pulizija
(Spettur Johann J. Fenech)

vs

Noel Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 448770(M) akkuzat talli:

Fit-18 ta’ Mejju 2007 ghall-habta tal-10:45a.m. fil-Kunsill Lokali ta’ Birzebbuga:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Antonio Roberts minn Birzebbuga, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi

ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorità kompetenti;
2. ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq l-istess Antonio Roberts, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfliwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Lm10), ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga;
4. m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorità jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;
5. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-puubliku;
6. sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
7. kkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta'sentenza sospiza li giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' Malta fit-28/02/2006.

Il-Qorti hija mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurtà ta' Antonio Roberts kif ukoll is-Sindku u l-Kunsilliera kollha tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni f'liema ammisjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi b'dikjarazzjoni maghmula konguntament mill-parti leza u l-imputat bl-aderenza tal-ufficjal prosekutur u registrata fil-verbal ta' din l-udjenza gie sottomess illi l-Artikolu 96 tal-Kap 9, allura riferibbli ghall-ewwel akkuza, mhux applikabbli ghall-kaz. Il-Qorti qeghda konsegwentament tifhem li l-ewwel akkuza giet irtirata.

Ghal bqija tal-akkuzi l-imputat irregistra ammisjoni volontarja u inkondizjonata u fuq tali ammisjoni ghalhekk din il-Qorti qeghda issibha hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat ghal fini ta' piena l-Artikolu 95, 325(d), 338(ee) (dd), 17, 49, 50, 28A tal-Kap 9.

Tiddeciedi fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief l-ewwel li minnha qeghda tilliberah li tapplika kontra tieghu l-provediment tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 u testendi l-effetti tas-sentenza sospiza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Frar 2006 billi testendihom ghall-perjodu ta' sentejn ohra dekorribbli mil-lum.

Tikkundannah ukoll ammenda ta' 25 euro fil-konfront tar-raba' u l-hames akkuza u tapplika l-Artikolu 383 billi torbtu b'garanzija ta' 233 euros li ma jimmolestax lill-parti leza ghall-perjodu ta' sena dekorribbli mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------